MALTA

# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Ċitazzjoni Numru. 330/2011

Kawza fil-lista: 1

**B C**
**vs**
**A G f' isimha proprju**
**u ghan-nom tal-minuri K G;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. Illi minn relazzjoni li kellu ma' l-intimata A G twieldet tifla fis-16 ta' Gunju 2003 Jeantenne G;

2. Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata b'ittra ufficjali data 10 ta' Marzu 2011, numru 30/2011 kif mitlub skont l-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, debitament notifikata lill-intimata permezz tal-procedura kkontemplata taht l-artikolu 187 (3) tal- Kap 12 ral-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprezenta nota fejn tiddikjara illi qed taqbel mar-registrazzjoni tar-rikorrent bhala l-missier naturali tal-minuri, l-intimata baqghet inadempjenti;
3. Illi l-intimata qatt ma cahdet li r-rikorrent huwa missier il-minuri izda minn mindu r-rikorrenti wera l-intenzjoni li jirrikonoxxi lill-minuri bhala bintu, l-intimata waqqfitlu kull kuntatt mat-tifla;
4. Illi il-missier (recte: il-minuri) gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b'att ta' twelid taht 'missier mhux maghruf';
5. Illi r-rikorrent ghandu interess li jirrikonoxxi lill-minuri bhala l-wild naturali tieghu;

Talab lill Qorti sabiex:-
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi minuri Jeatenne G hija l-bint naturali tar-rikorrent B C billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru t-testijiet genentici apositi sabiex tigi stabbilita l-paternita’ tal-minuri;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri Jeatenne G jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn l-att hemm referenza ghal konnotati ta' missier il-minuri, l-kliem 'unknown father' jigu sostitwiti bis-segwenti konnotat: "B C - karta tal-Identita numru 542182M - imwieled il-Pieta u residenti Fgura - iben George C (haj) u Josephine nee Bartolo (hajja).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjlai ta' l-10 ta' Marzu 2011, Numru 30/11 u l-ittra legali datata 01 Gunju 2011.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li espona u iddikjara u ikkonferma:-
1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr lii hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-

mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba attrici l-esponeneti jinvita lir-rikorrenti B C sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita. (3) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri Jeatenne G, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5)il-post tar-residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri; (6) isem u kunjom ta' missieru, (7) jekk il-missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla Jeatenne G. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi Jeatenne G bin-numru ta' registrazzjoni 2173 tas-sena 2003;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definttiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri Jeatenne a tenur tal Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta A G li ecceppiet:-

1. Illi preliminarjament qed tigi eccepita l-improponabilita u l-inammissibilita tal-azzjoni attrici, stante li l-azzjoni kif imfassla u intavolata mir-rikorrent hi disponibbli biss fil-kaz ta' minuri li huma indikati bhala ulied "missier mhux maghruf" fuq ic-certifikat tat-twelid. Jigi rilevat li l-minuri Jeatenne Mangion ma hix bint missier mhux maghruf, izda bint Emanuel Mangion, skont ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u l-kuntratt ta' rikonoxximent;

2. Illi preliminarjament u biss jekk Il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni, qed tigi eccepita wkoll in-nullita tal-azzjoni attrici, peress illi l-ittra ufficjali rikjest ai termini tal-art. 86 tal-Kap 16 ma gietx debitament notifikata lill-intimata A G;
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici wkoll monka peress illi biex ir-rikorrent jirnexxi fit-talbiet tieghu, kellu bilfors jipproponi talba sabiex jigi impunjat il-kuntratt ta' rikonoxximent liema talba hu evidenti li ma saritx;
4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma kontestat. Ir-rikorrent issa donnu qed "jiftakar" li ghandu wild, kwazi disgha snin wara li twieldet. Ir-rikorrent hu estraneju ghall-minuri Jeatenne G, u m'ghandu l-ebda rabta naturali li tezisti bejn wild u genitur. Ir-rikorrent ma jmantnix u lanqas jezercita xi access ghall-imsemmija minuri Jeatenne. Il-minuri ma tafx lir-rikorrent bhala missierha, izda taf lil Emanuel Mangion bhala missierha. It-talba attrici hi biss tentattiv vessatorju da parti tar-rikorrent biex jipprova jharbat il-hajja tal-familja tal-intimata u tal-istess wild minuri, li hi mrobbija b'ghozza u b'rispett kbir mill-genituri taghha l-intimata A G u Emanuel Mangion. B'dak illi qed jittenta jaghmel, ir-rikorrent ottrawmatizza lill-minuri stante li hi konxja li hemm xi hadd li qed jallega li hu missierha li jrid jahtafha mill-familja taghha u minn hutha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta A G.

Rat ir-rikors tal-attur u d-digriet taghha datat 15 ta' Mejju 2012 li permezz taghha cahdet it-talba sabiex Emanuel Mangion jigi kjamat in kawza f'dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u x-xhieda moghtija via voce.

Semghet is-sottomissjonijiet preliminari tal-avukati difensuri dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta li permezz taghha teccepixxa n-nullita' tal-azzjoni attrici "peress illi l-ittra ufficjali rikjesta ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap 16 ma gietx debitament notifikata lill-intimata A G".

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet u n-noti ta’ osservazzjonijiet ulterjuri sew tal-attur u kif ukoll tal-konvenuta G fir-rigward tal-imsemmija eccezzjoni.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta A G.

Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni u t-Tieni Eccezzjoni tal-konvenuta G.**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla Jeatenne G li twieledet fis-16 ta' Gunju 2003 hija l-bint naturali tieghu, filwaqt li in linea preliminari l-konvenuta A G teccepixxi li tali azzjoni hija nulla in kwantu l-ittra ufficjali li l-attur kien intavola precedentement ghall-kawza ma kenitx giet notifikata lill-konvenuta.

**Provi**
Mill-provi akwiziti s’issa rilevanti ghall-mertu tat-tieni eccezzjoni in dizamina jirrizulta illi fl-10 ta’ Marzu 2011 l-attur kien intavola ittra ufficjali kontra l-konvenuta Keren G li permezz taghha iddikjara li kien qed jaghraf bhala bintu lil Jeatenne imwielda barra z-zwieg fis-16 ta’ Gunju 2003 u li kien behsiebu japplika ghar-registrazzjoni ta’ dan it-taghrif. Ghalhekk huwa interpella lill-konvenuta G sabiex sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tintavola nota fl-atti ta’ dik l-ittra ufficjali sabiex tiddikjara li taqbel ma’ tali registrazzjoni. Avza wkoll fl-istess ittra illi jekk il-konvenuta G ma kenitx ser taderixxi, huwa kien ser jintavola proceduri gudizzjarji sabiex jigi dikjarat li hu l-missier naturali tal-minuri Jeatenne liema ittra huwa intavolaha ai termini tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Irrizulta wkoll illi wara diversi tentativi ta’ notifika bla success il-Qorti kienet awtorizzat in-notifika tal-ittra ufficjali bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Kopja tal-ittra twahhlet fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq u fil-Kunsill

Lokali taz-Zurrieq, mal-indirizz “Lotus Flats, Flat A, Triq Madre Tereza Nuzzo , Zurrieq, kif ukoll gie pubblikat avviz fil-gazzetta tal-gvern u f’gazzetta lokali.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuta G hija msejsa fuq il-pretensjoni taghha illi l-affissjoni ma’ Lotus Flats, Flat A, Triq Madre Tereza Nuzzo, Zurrieq, hija nulla in kwantu dak ma hux l-indirizz residenzjali taghha. L-attur spjega li huwa akkwista l-indirizz tal-konvenuta G billi mar fil-blokka flats in kwistjoni, ra ittra indirizzata lill-konvenuta mill-kumpanija GO plc u ikkopja l-indirizz li kien fuq dak l-envelope. Il-konvenuta min-naha taghha spjegat li dak kien l-indirizz ta’ huwha u mhux taghha u li n-numru tat-telefon tieghu kien fuqha peress li huwha kellu xi problemi.

Jibqa’ l-fatt ghalhekk illi in-notifika tal-ittra ufficjali bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ma kenitx kompluta u ghalhekk ma jistax jitqies li kienet notifikata skond il-ligi. Hija flokha l-gurisprudenza iccitata mill-konvenuta G fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha fir-rigward tan-notifika bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni fis-sens illi tali procedura ghandha tigi ezegwita b’rigorozita tenut kont tal-fatt illi l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni qed tohloq presunzjoni legali li l-intimat tal-att gie notifikat, anke jekk bhala fatt huwa ma kienx konsapevoli tal-att gudizzjarju. Tali procedura hija intiza sabiex tassoda sa fejn possibbli l-principju tar-res judicata. Huwa ghalhekk dejjem l-obbligu tal-mittent li jassigura n-notifika anke bil-mezz tal-affissjoni ssir korrettement fl-indirizz korrett. Ghalhekk in-notifika tal-ittra ufficjali ma kenitx regolari.

Stabbilit l-irritwalita’ tan-notifika jibqa’ li jigi konsidrat jekk tali ittra ufficjali kenitx mehtiega li tigi prezentata u notifikata ad validitatem qabel ma’ l-attur jintavola l-kawza odjerna..

L-artikolu 86 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:
*'It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*

*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effetti u ma jigix registrat kemm-il-darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel immifsu jekk ikun lahaq l-eta' , ma jkunux gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha taplika ghar-registrazzjoni ta' dak it-taghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz, u t-tifel, ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, qablu li ssir dik ir-registrazzjoni, f'liema kaz dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi;*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta' ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu appena citat huwa primarjament intiz sabiex sa fejn possibbli jevita li fejn il-missier ta' tarbija imwielda barra z-zwieg ma jkunx irrikonoxxa mill-ewwel li huwa l-missier, tali rikonoxximent ikun jista' jsir fi stadju ulterjuri minghajr il-htiega ta' proceduri gudizzjarji. Naturalment il-proceduri gudizzjarji jigu evitati jekk l-omm taqbel ma' min ikun qed jippretendi li hu l-missier. Mhux hekk il-kaz odjern. Tant il-konvenuta G ma taqbilx mal-attur fil-pretensjoni tieghu illi fit-2 ta' Marzu 2011 dehret flimkien ma' certu Emanuel Mangion fuq kuntratt pubbliku fejn bi qbil mal-konvenuta dan Emanuel Mangion iddikjara li huwa missier il-minuri K G, mertu tal-kawza odjerna. Ghall-kompletezza jinghad ukoll illi fuq l-istess att pubbliku l-imsemmi Emanuel Mangion

irrikonoxxa wkoll bint ohra tal-konvenuta G. M'hemmx dubju ghalhekk illi l-ittra ufficjali li pprezenta l-attur, anke kieku ghas-sahha tal-argument gie notifikata lill-konvenuta G, il-kawza odjerna ma kenitx ser tigi evitata. Kif tajjeb osserva l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, din il-Qorti kif preseduta gia' kellha okkazzjoni titratta dan il-punt fil-kawza "AB vs CD deciza fl-1 ta' Novembru 2012. F'dik il-kawza l-attur ma kienx intavola ittra ufficjali qabel intavola l-kawza u l-konvenuta omm kienet kontumaci u ghalhekk l-opposizzjoni taghha kienet prezunta. Fil-kawza odjerna l-opposizzjoni ghat-talbiet attrici gew espressi fl-eccezzjonijiet tal-konvenuta G.

Ma dak espress fis-sentenza citata ghandu jinghad ukoll illi it-tielet proviso tal-artikolu 86 jirreferi mhux biss ghall-eventwalita' li l-omm ma twegibx ghall-ittra ufficjali entro xahrejn, izda jipprovdi wkoll illi l-pretiz missier jista' jagixxi jekk "l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta' ma jkunux ….jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni…" M'hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-konvenuta G ma taqbilx mar-registrazzjoni li qed jitlob l-attur u konsegwentement l-attur seta' jipprocedi bil-kawza minghajr il-htiega li jipprezenta ittra ufficjali fit-termini tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 16. Ghalhekk id-difett tan-notifika tal-ittra ufficjali fuq imsemmija ma hux ta' ostakolu ghall-prosegwiment tal-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta A G u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------